MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 585/2008

Mario u Maria Carmen konjugi Debono, Stephen Pulis u Carmelo u rosaria sive Lucy konjugi Galea
vs
Victor Agius

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti a fol 1 ***et*** tal-process.

Rat ir-risposta ta' l-intimati a fol 20 ***et*** tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi huwa ovvju li kull min isib mandat kontra tieghu jiehu gost li jnehhih izda r-revoka ta’ mandati mhix xi wahda li qedha hemmhekk la ghal skop ta’ pika u anqas ghal biex wiehed jiehu cans iehor. Jekk ma jkunx hemm ragunijiet validissimi u normalment li jemergu godda minn meta nghata l-ewwel digriet, il-Qorti m’ghandhiex tvarja dak id-digriet.

Din il-Qorti m’hi b’ebda mod xi Qorti ta’ l-Appell minn digrieti moghtija minn kollegi ohra li jkunu ezaminaw il-kaz u waslu ghal decizjoni. Minhabba n-natura tal-kawzi li tigi assenjata spiss jigri li r-rikorsi degretati precedentement jispiccaw ri-ezaminati quddiemha kif presjeduta minhabba dispozizzjonijiet tal-ligi izda dan b’ebda mod ma jfisser li hi qedha taht xi forma ta’ xi Qorti ta’ Appell. L-obbligu taghha mhux dak li taghmel l-evalwazzjoni taghha mill-gdid tal-mandat izda li jekk issib xi haga mankanti f’dak li sar qabel allura l-Qorti jkollha l-obbligu li tvarja. Fil-fatt fir-rikors in ezami ma hareg ebda element gdid ghalkemm ir-rikorrenti odjerni sostnew dan. Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li ma tvarja xejn mid-digriet precedenti ghax dawn l-aspetti kollha msemmija fir-rikors kienu gja gew studjati mill-Qorti diversament presjeduta u mhux sewwa li l-Qorti terga’ tezamina dawn l-aspetti.

**KONKLUZJONIJIET:**
In vista ta’ dan il-Qorti tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat taht il-Kap 12 art 836(1)(b) u (f).

Il-Qorti ezaminat ukoll l-artikolu 838A u ma ssibx li hemm il-kawza gusta ghall-impozizzjoni tal-garanzija u ghaldaqstant tichad it-talba.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------